


Ritratt A

# Qegħdin ġo Dar Storika

Kitba tal-Perit Ruben Abela B.Eng & A; M.Sc (Cons. Tech)
Manager Heritage Malta

*F'din il-kitba, li nistedinkom taqraw, ser nagħti ħarsa lejn l-istorja tal-bini li fih hemm l-Għaqda Mużikali Beland. Għalkemm ser nirreferi għal xi studji w artikli li saru fil-passat dwar l-istorja tal-Banda Beland u l-familja Diacono, il-ħarsa tiegħi mhux ibbażata wisq fuq dokumenti miktuba iżda fuq dak li osservajt fi ftit siegħat li għamilt nifli l-bini, sew minn barra kif ukoll minn ġewwa. Osservazzjonijiet li nemmen li kapaċi jagħmilhom kull min ser jitħajjar jaqra din il-kitba.*



**Il-bini tal-knisja**

Sa qabel ma tqegħdet l-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida fl-1692, l-inħawi ta' madwar u quddiem il-knisja, magħrufa bħala il-Gwiedi kienu għadhom kollha raba'. Il-bini madwar il-knisja beda tiela' fil-bidu tas-seklu tmintax u ma nkunux żbaljati jekk ngħidu li l-ewwel binjiet li bdew telgħin kienu dawk ta' quddiem il-knisja u fit-triq ta' quddiem il-knisja. B'hekk, mingħajr ma wieħed jibda jistudja u jifli l-bini suġġett ta' l-istudju tagħna, nistgħu nitilqu mill-premessa li hawnekk qed nitkellmu dwar waħda mill-ewwel binjiet li telgħu waqt li kienet qed tinbena l-knisja. Il-bini tal-knisja ħa madwar disgħin sena sabiex tlesta, bin-navi tal-ġnub ikunu l-aħħar fażi ta' kostruzzjoni li tlestew fl-1779. Minn naħa l-oħra, wieħed ma jridx jassumi li l-binja tal-każin li naraw illum saret f'darba, iżda bħal ma seħħ fil-bini tal-knisja dan sar f'fażijiet differenti.

**Żidiet u tibdil riċenti**

Wara li bdejna b'din il-premessa, se neħodkom mixja fl-istorja ta' dan il-bini, iżda ser nimxu flimkien fl-istorja b'lura, billi nibdew minn żminijietna. B'hekk nibdew neliminaw mill-ewwel tibdiliet li saru fil-bini f'dawn l-aħħar ħamsin sena. L-aħħar xogħolijiet strutturali li saru fil-bini kienu l-bdil ta' soqfa tas-swali ta' fuq u xi snin qabel kien sar xogħol ta' dekorazzjoni fil-bar tal-każin. Fil-bidu tas-snin tmenin sar tibdil fil-faċċata t'isfel li tħares fuq il-pjazza billi il-bieb ta' remissa dejjaq li kien hemm twessa' u sar il-bieb prinċipali bl-antiporta li nafu llum. Lura aktar fiż-żmien, lejn l-aħħar tas-snin ħamsin u l-bidu tas-snin sittin, saret il-gallerija twila li ddur mall-kantuniera fuq iż-żewġ faċċati tal-każin. Is-saljaturi li fuqhom tistrieħ il-gallerija ġew imdaħħla ġol-ħajt u t-twieqi li kien hemm fis-sular ta' fuq infethu f'bibien ħlief għal waħda minnhom. Il-frontuspizju li hemm fuq il-faċċata ta' quddiem il-knisja huwa wkoll żieda moderna.

" Il-bini madwar il-knisja beda tiela' fil-bidu tas-seklu tmintax"



### Arkitettura neo-klassika

Jekk nerġgħu nidħlu ġewwa ninnutaw li fejn illum hemm il-bar tal-każin, oriġinarjament din kienet bitħa mdaqqsa. Jekk wieħed jittawwal minn fuq il-bejt jista' jara żewġ arkati b'loġġ tal-ferro battuto u bejniethom par pilastri b'kaptell fl-ordni Doriku. Gwarniċun imdaqqas jifrex minn tarf sa tarf ta' din il-faċċata interna. Jekk wieħed jagħti tittwila fil-bar jinnota żewġ arkati oħra li jiġu preċiż taħt dawk li għadna kemm semmejna iżda din id-darba il-pilastri huma bl-imbroll. Din il-faċċata għandha elementi qawwija mill-arkitettura neo-klassika hekk kif użata f'bini kolonjali Ingliż. B'hekk wieħed jista' jiddata din il-faċċata nterna lejn l-aħħar tas-seklu dsatax jew il-bidu tas-seklu għoxrin.

Il-faċċata fuq it-tieni sular, preċiżament fejn saret il-gallerija li rreferejna għaliha aktar il-fuq hija wkoll mibnija bi stil neo-klassiku. ħarsu ftit lejn il-bibien u t-twieqi u nnutaw il-fruntun u l-friż, dak is-speċi ta' trijanglu ċatt bil-bażi nieqsa u dawk iż-żewġ pilastri qosra bl-iżgoxxijiet bejn il-fruntun u l-blata tat-tieqa jew bieb (Ritratt B). Dan id-dettal huwa kollu kemm hu neo-klassiku fl-istil. Stil li f'Malta beda jintuża l-ewwel darba fil-bini tal-Biblioteka tal-Belt mill-arkitett Stefano Ittar fl-1786, iżda dan l-istil baqa' jintuża u jiġi żviluppat taħt l-Ingliżi sa anke l-bidu tas-seklu għoxrin. Ma naħsibx li nkunu żbaljati jekk ngħidu li dan is-sular inbena fl-ewwel nofs tas-seklu dsatax. ħarsu sew lejn ir-ritratt. Rajtuha dik il-fergħa tax-xitla tal-qoton li hemm minquxa f'nofs il-fruntun?






### Min kien joqgħod f'din id-dar?

Ir-risposta għal din il-mistoqsija mhix waħda diffiċli. Anke jekk wieħed kellu jagħmel osservazzjonijiet minn dettalji li insibu ġewwa u barra l-bini, jista' jasal għal ċertu konklużjonijiet. Barra li ser ngħarrafkom b'dawn id-dettalji ser nagħmel referenza wkoll għal riċerka li diġa ġiet ippublikata dwar dan.

Jekk nidħlu f'dik li kienet is-sala tal-biljard u li llum qed tiġi kkonvertita bħala sala għall-arkivju, u nagħtu titwila lejn id-dekorazzjoni sabiħa li hemm mat-troll tas-saqaf insibu żewġ dettalji mportanti. Fuq naħa għandna skudett li juri l-istemmi ta' żewġ kunjomijiet u taħt l-iskudett il-kitba "Diacono.Busutil". Faċċata tagħha żewġ inizjali bejn annu b'numri Rumani - "GD" u "FB" bl-annu MDCCCXIII (1813).

Min kienu "GD" u "FB"? Imorru lura għall-kitba li kien għamel il-Kan. Dun Joe Abela fil-ħarġa ta' dan il-ktejjeb tas-sena 2000. F'din il-kitba l-Kan. Abela jagħmel referenza għal Giovanni Battista Diacono u Francesca Busutil li iżżewġu u marru joqogħdu l-Gwiedi u jkompli billi jgħid "l-ewwel tarbija tagħhom fiż-Żejtun, twieldet fis-sena 1797." Mill-istess riċerka jidher li Francesca Busutil mietet fl-eta ta' 35 sena fis-sena 1811, iżda Gio Bata

" Fuq naħa għandna skudett li juri l-istemmi ta' żewġ kunjomijiet u taħt l-iskudett il-kitba "Diacono.Busutil"






*Ritratt B*

*Ritratt C*



iżżewweġ lit-tieni mara tiegħu Catarina Mangion u fost ulied oħrajn, minnha kellu lil Francesco li twieled fl-1813. B'hekk jidher li Gio Bata ħalla żewġ tifkiriet ta' l-ewwel mara tiegħu, isem ta' wieħed mit-tfal li kellu mit-tieni mara u d-dekorazzjoni tas-saqaf ta' din il-kamra, li t-tnejn li huma għandhom is-sena 1813 komuni. Jidher li din is-sala li tinsab eżatt biswit l-intrata, li wkoll għandha saqaf iddekorat, kienet spazju importanti ħafna f'din id-dar, kemm minħabba fid-dekorazzjoni kif ukoll minħabba fl-għoli u l-arkitettura tagħha. Pittura ta' anġlu b'arpa li tinstab fiċ-ċentru tas-saqaf tista' tagħti rabta ma' użu mużikali ta' din is-sala – iżda hawnekk hemm lok ta' riċerka akbar li taf twassalna għal skoperti ġodda dwar ir-rabta mużikali tal-familja Diacono u ż-Żejtun. Pero` dan inħallieh f'idejn ħaddieħor.



Tiftakru f'dik il-fergħa tax-xitla tal-qoton li wrejtkom fir-ritratt? Tgħid għaliex xi ħadd iddeċieda li jużа' il-fergħa tal-qoton fid-dekorazzjoni? Normalment din ix-xitla nsibuha minquxa f'bini li b'xi mod għandu x'jaqsam ma' wieħed mill-Gran Mastri Cottoner, iżda hawn qed nitkellmu dwar binja li saret ferm wara li dawn iż-żewġ Gran Mastri ħallewna. Il-familja ta' Gio Bata Diacono barra mir-rabta mall-mużika, kienet wkoll magħrufa għan-negozju tal-qotnina. B'hekk inkomplu nikkonfermaw li dan is-sular żdied wara jew waqt li Gio Bata beda joqgħod f'din id-dar.

**Triq Santa Katarina jew Triq l-Ispirtu s-Santu?**

Il-Kan. Abela permezz tar-riċerka tiegħu jagħtina biċċa nformazzjoni oħra importanti - l-indirizz ta' d-dar li fiha kienet tgħix il-familja Diacono. Mill-arkivji parrokkjali l-familja Diacono hija rreġistrata f'Via Spiritus Sancti, Casa 20, Gwiedi. Jekk wieħed jimxi mixja fi Triq l-Ispirtu s-Santu li nafu llum; li tigi l-ewwel triq dejqa li taqsam Triq Santa Katarina inti u nieżel minn naħa tal-knisja, jinduna li parti kbira minn din it-triq hija magħmula minn bini relattivament modern u li nbena fil-bidu tas-seklu għoxrin flok għelieqi li kien hemm. Jekk jifli il-bini li jifdal faċli li wieħed jinduna li l-arkitettura hija modesta ħafna.

Il-propjeta', id-daqs tad-djar u d-dekorazzjoni fl-arkitettura tad-djar minn dejjem kienu sinjal tal-qagħda u s-setgħa finanzjarja tas-sidien. Il-familja Diacono fl-aħħar tas-seklu tmintax u l-bidu tas-seklu dsatax kienet magħrufa bħala familja tat-tajjeb minħabba n-negozju li kellha ma' l-Italja b'mod partikulari fil-qoton. L-ebda dar li hemm illum fi Triq l-Ispirtu s-Santu ma tixhed sinjal tal-ġid li kellha l-familja Diacono.

Dawn l-osservazzjonijiet flimkien mad-dekorazzjoni tas-saqaf li tkellimna dwarha aktar il-fuq, iwasslu għall-konklużjoni li fis-seklu dsatax it-triq ta' quddiem il-knisja kienet Via Spiritus Sancti u mhux Triq Santa Katarina, kif nafuha illum.

**Kif aktarx kien il-bini qabel l-1800?**

Din mhix xi ħaġa faċli li wieħed jista' jagħmel konklużjonijiet ċerti, iżda mill-istili ta' l-arkitettura li nistgħu nosservaw u mit-tibdil fil-kwalita' u il-qisien tal-ġebla u l-kostruzzjoni nistgħu niġbdu xi osservazzjonijiet. L-osservazzjonijiet li ser nagħmel ser jiffokaw aktar fuq il-faċċata li tħares fuq Triq Santa Katarina. Bosta mill-fatti li ser nitkellem dwarhom stajt nosservhom wara x-xogħol li sar mid-dilettanti żgħażagħ li matul ix-xhur li għaddew kixfu il-biċċa l-kbira tal-kisi bis-siment li kien hemm ma' din il-faċċata

Nixtieq naqsam din il-faċċata f'erba' partijiet. L-ewwel parti hija l-bieb tal-banka tal-lottu, l-kamra ta' ħdejha flimkien mas-sular ta' fuq fejn illum hemm l-arkivju; it-tieni parti hija l-faċċata tas-sala

" Il-familja Diacono fl-aħħar tas-seklu tmintax u l-bidu tas-seklu dsatax kienet magħrufa bħala familja tat-tajjeb minħabba n-negozju li kellha ma' l-Italja b'mod partikulari fil-qoton. "







fejn ġej l-arkivju; it-tielet hija mill-bieb tal-ġenb sal-kantuniera; u r-raba' parti hija l-bieb tal-ġenb u l-gallerija ta' fuqu.

Nibdew bl-ewwel parti. Hawnhekk jidher ċar li darba din kienet residenza separata mill-kumplament tal-bini, b'aċċess separat minn fejn hemm il-banka u fil-fatt ġejt mgħarraf ukoll minn Charles Debono li kien hemm ukoll taraġ li kien jagħti għas-sular ta' fuq wara l-istess banka. Jidher ukoll li l-kamra li hemm mall-faċċata biswit il-banka ġiet miżjuda xi żmien wara għaliex il-linja vertikali bejn il-binja l-antika u dik ġdida tidher sew. Jekk wieħed jieqaf iħares lejn il-blata tal-bieb tal-banka u 'l fuq minnha, jinnota li l-blata fiha żewġ kunjardi u żewġ filati 'l fuq minnha hemm ġebla kbira f'għamla ta' trijanglu. Din ma kienet xejn ħlief fruntun ta' tieqa tawwalija li kien hemm flok il-bieb. B'hekk jidher ċar li dan il-bieb infetaħ wara u aktarx fl-istess żmien meta inbena s-sular ta' fuqu. L-istil tal-gwarniċar madwar il-bieb, u l-istil tal-faċċata ta' fuq huma ta' arkitettura tas-seklu dsatax.

Tgħid din kienet id-dar Nru 19 li jirreferi għaliha l-Kan. Abela fl-artiklu li semmejna aktar 'l fuq? F'din il-kitba il-Kan. Abela jgħid li Dun Dumink Pace, parrinu ta' Orazio Diacono, bin Gio Bata u missier Karlo, flimkien ma' ommu Francesca "kienu joqgħod f'Casa 19, Guiedi, Via Spiritus Sancti, bieb ma' bieb mal-Familja Diacono."

Halli niflu sew issa t-tieni parti tal-faċċata – fejn kienet is-sala tal-biljard u issa ġej l-arkivju. Hawnhekk ukoll jidher li kien sar xi tibdil fil-faċċata. It-twieqi li naraw illum saru fl-istess żmien li sar il-bieb tal-banka tal-lottu. Fil-fatt huma ta' l-istess għoli u għandhom l-istess lavur. Jidher ċar ukoll li dawn ġew imdaħħla fil-faċċata għaliex iż-żewġ blajjet fihom il-kunjardi, kif ukoll il-ġebel tal-lavur tat-twieqi ma' jaqbilx fl-għoli mall-kumplament tal-ġebel li hemm fl-istess faċċata. Fuq waħda mit-twieqi hemm arkata u qiegħda fl-istess livell ta' dik il-ġebla għamla ta' trijanglu li osservajna fuq il-bieb tal-banka. Hawnhekk seta' kellna xi tieqa oħra aktar tawwalija jew saħansitra bieb. Osservaw iż-żewġ panewwijiet dojoq li hemm fuq il-ġnub ta' dawn it-twieqi.

Jekk inħarsu issa lejn it-tielet parti tal-faċċata, bejn il-bieb tal-ġenb u l-kantuniera wieħed jara repetizzjoni taż-żewġ panewwijiet dojoq li osservajna fil-parti ta' qabel tal-faċċata. Indunajtu li waħda miż-żewġ twieqi hija finta? Din ma saritx wara iżda hija parti mill-kostruzzjoni oriġinali u li saħansitra kienet ukoll miżbugħa biex tirreplika it-tieqa ta' veru li kien hemm ħdejha. Din it-tieqa hija waħda miż-żewġ elementi l-aktar importanti li fadal fil-faċċata oriġinali li jistgħu jitfgħu dawl dwar min setgħa kien l-arkitett ta' l-eqdem parti minn dan il-bini. Minn dak li osservajna s'issa wieħed faċilment jista' jikkonkludi li din il-parti tal-bini flimkien mall-kamra fejn ġej l-arkivju kienu parti minn bini wieħed u nbnew fl-istess żmien. Prova oħra ta' dan huwa l-fatt li l-kantina hija mifruxa taħt iż-żewġ spazji u l-intrata li ser nitkellmu dwarha minnufih. Kif semmejna aktar qabel, is-sular ta' fuq din il-parti tal-faċċata inbena fil-bidu tas-seklu dsatax. Minn

" Din it-tieqa hija waħda miż-żewġ elementi l-aktar importanti li fadal fil-faċċata oriġinali li jistgħu jitfgħu dawl dwar min setgħa kien l-arkitett ta' l-eqdem parti minn dan il-bini."



osservazzjonijiet li għamilt fuq il-post ġbart biżżejjed evidenza li turi li oriġinarjament din il-kantuniera kienet kollha mibnija sular wieħed b-apromorta ta' erba' filati.

Ir-raba' u l-aħħar parti tal-faċċata li ser nistudjaw hija l-aktar parti nteressanti u mportanti kif ser naraw (Ritratt D). Jidher ċar li din kienet id-daħla prinċipali tal-bini, mhux biss minħabba li tinsab fin-nofs, iżda wkoll minħabba l-arkitettura tagħha. Bla dubju ta' xejn qed inħarsu lejn bini Barokk fl-aqwa tiegħu li jara l-binja tiegħu matul is-seklu tmintax, fl-istess żmien li fih kienet qed tinbena il-knisja parrokkjali, żmien sew qabel Gio Bata Diacono spiċċa joqgħod iż-Żejtun waqt l-imblokk tal-Franċiżi.



*Ritratt D*

Il-lavur li naraw madwar il-bieb huwa tipiku tal-perjodu u bħalu insibu ħafna f'palazzi u djar kbar fil-Belt. Fuq il-bieb hemm saljatura sħiħa u kontinwa li fuqha tistrieħ il-gallarija. Fil-gallerija insibu bieb bi fruntun sħiħ fuqu u mdaħħal ġo arkata arzella. Mall-ġenb tal-gallerija naraw spiral kbir u sħiħ fuq naħa u parti minn ieħor fuq in-naħa l-oħra, b'dekorazzjoni ta' weraq bejniethom u bejn il-pilastri li hemm tiela mix-xifer tad-daħla ġol-gallerija. Bħala kaptell dawn iż-żewġ pilastri għandhom skroll tal-ġebel. Fuq l-arkata arzella naraw fruntun maqsum bi frontuspizju f'nofsu li xi darba żgur li kellu xi skudett jew xi arma minquxa fuqu (Ritratt E). Nista' ngħid b'ċertezza li din il-parti kienet l-unika parti ta' din il-faċċata li kienet mibnija fuq l-ewwel sular matul is-seklu tmintax.



*Ritratt E*

Din hija kompożizzjoni Barokka mill-isbaħ u li żgur warajha hemm xi wieħed mill-arkitetti famużi ta' l-era Barokka li ħadmu f'Malta. Hija ħasra li partijiet minn din il-kompożizzjoni intilfu. Nofs l-ispiral tan-naħa tal-lemin iżżarma meta nbena s-sular ta' fuq fuq l-istess naħa, filwaqt li l-iskudett ġie mneżża possibilment waqt l-imblokk tal-Franċiżi meta bosta imblemi simili ġew imħassra fuq ordni tal-ġeneral Franċiż.

## Isqof, Monsinjur jew Kanonku?

Min ipprova jħassar l-istorja minn fuq dan il-bini mportanti, id-destin ma daħaklux! Il-proporzjon ta' dak li fadal mill-frontuspizzju mall-ewwel tani x'naħseb: Għaliex kien aktar f'għamla kwadra milli wieqfa?

Fortunatament għalkemm l-iskudett u l-emblema li kien hemm fuq il-frontuspizju tħassru kollha, il-parti t'isfel ta' l-iskudett kienet tirkeb fuq ix-xifer tal-ħnejja. ħarsu sew lejn ir-ritratt (A). Rajtuh dak is-salib? Is-salib kien imdendel b'lazz fuq barra ta' l-iskudett li kien juri l-emblema ta' xi kunjom. Barra mis-salib bil-lazz, taħtu hemm ħames ġmiemel. Kollox jindika li dik l-arma li kien hemm fuq il-frontuspizju kienet ta' xi Isqof, Monsinjur jew Kanonku. Żgur li aktar riċerka dwar dan tista' twassalna għal min kienet il-persuna li nbniet din id-dar majestuża fis-seklu tmintax.

## Romano Carapechia jew Antonio Cachia?

Romano Carapechia (1668 – 1738) u Antonio Cachia (1739 – 1813) kienu żewġ arkitetti li għalkem ma għexux fl-istess żmien għandhom xi xogħolijiet li l-istudjużi ta' l-istorja ta' l-arkitettura għadhom qed jiddibattu jekk dawn sarux minn wieħed jew minn ieħor. Fost dawn il-binjiet hemm il-knisja ta' Santa Katerina fi Triq ir-Repubblika il-Belt.

" Is-salib kien imdendel b'lazz fuq barra ta' l-iskudett li kien juri l-emblema ta' xi kunjom"

It-tħaddim ta' l-istil Barokk fil-bini li għadna kemm studjana jixhed influwenza qawwija minn dawn iż-żewġ arkitetti, li inċidentalment, wieħed minnhom – Cachia, kien Żejtuni. Min jaf forsi kienx hu l-arkitett li kien responsabbli minn dan il-bini! Iżda dan ma nistgħux ngħiduh mingħajr studju aktar profond. ■

Kan Dun Joe Abela. Orazio Diacono. Fil-ktejjeb 'Għaqda Mużikali Beland', Gunju 2000. p.25

Charles Debono, Mitt sena ilu miet il-fundatur tal-Banda Beland – Orazio Diacono, Fil-ktejjeb 'Għaqda Mużikali Beland', Gunju 1999. p.39. ibid